**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 26 ta' Jannar, 2016

Rikors Kongunt Nru : 364/15 AL

AB
u
CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

1. Illi l-konjugi kienu izzewgu fl-1 ta' Settembru 1985, fil-knisja ta' Saint Patrick, tas-Sliema (**vide Att taz-Zwieg Dokument "A"**) u minn dan iz-zwieg twieldu tlett ulied senjatament :
    1. Matteo fit-3 ta' Dicembru 1987 (**vide Att tat-Twelid Dokument "B"**)
    2. Michela fis-17 ta' Awissu 1990 (**vide Att tat-Twelid Dokument "C"**) u
    3. Andrea fl-14 ta' Marzu 1986 (**vide Att tat-Twelid Dokument "D"**);
2. Illi ghalhekk jidher illi l-ulied huma ilkoll maggorenni, ilkoll 'l fuq mill-eta' ta' 23 sena u jinghad ukoll illi ilkoll jghixu separatament u ghal rashom;

3. Illi r-rikorrenti ilhom mifrudin de facto mis-6 ta' Frar 2011, u qatt ma rritornaw flimkien, u ghalhekk issa ilhom mifrudin *de facto* ghal itkar minn erba' snin;
4. Illi illum ir-rikorrent CB jghix u jahdem l-Ingilterra, u bejn il-partijiet ma tezisti l-ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni;
5. Illi ir-rikorrenti jirrinunzjaw reciprokament ghal kull manteniment jew alimenti;

Talbu lil din il-Qorti sabiex ghal dawn il-mottivi :

1. Tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet, minghajr l-ebda imputazzjoni ta' tort u ghalhekk tiddikjara mahlul iz-zwieg taghhom li sehh fl-1 ta' Settembru 1985, fil-knisja ta' Saint Patrick, tas-Sliema;
2. Illi ixxolji il-komunjoni tal-akkwisti, b'dana illi il-likwidazzjoni u divizjoni tal-istess, kif ukoll it-tqassim tal-beni parafernali jithallew ghal issa impregudikati;
3. Tordna illi id-digriet taghha jintbaghat lir-Registratur taz-Zwigijiet sabiex issir l-annotazzjoni rikjesta mill-Ligi fuq l-att taz-Zwieg li hu hawn anness;

Rat ir-rikors kongunt illi gie kkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Settembru 2015;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti Simone Bianchi ;

Rat illi minkejja l-fatt li l-partijiet m'humiex legalment separati ghaddew mill-process ta' medjazzjoni ;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Rat illi z-zewg rikorrenti talbu lill-Qorti sabiex ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti, b'dana illi l-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-istess, kif ukoll it-tqassim tal-beni parafernali jithallew ghal issa impregudikati u l-Qorti qeghda tilqa` din it-talba u ghalhekk qeghda xxolji l-komunjoni tal-akkwisti b'dan illi l-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-istess, kif ukoll it-tqassim tal-beni parafernali jithallew ghal issa impregudikati;

Il-Qorti, tordna illi kopja ta' din is-sentenza tghaddi ghand id-Direttur tar-Registru Pubbliku mir-Registratur tal-Qrati ;

Rat illi z-zewg rikorrenti ssodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul peress illi ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin u cioe mis-6 ta' Frar 2011;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.